**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**L-20 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħa t'Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
5. **Finanzi**
6. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-20 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fil-5:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tad-19-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 19/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 19.2014 – Skart mormi illegalment.**

2.2 Inqrat Memo 20/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kanali tal-Ilma (*Water Culverts*).**

2.3 Inqrat Memo 21/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 21/2014 – Dokumenti ppreżentati waqt il-Laqgħa tal-Kunsill.**

2.4 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Urgent Reminder – Public Sector Statistics in terms of Directive 7.***

2.5 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Europe for Citiznes 2014-2020* – Sessjoni ta' Informazzjoni – il-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2014.**

2.6 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Uffiċjali Pubbliċi li jagħmlu xogħol t'infurzar.**

2.7 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PPP Toroq Il-Qrendi.**

2.8 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern

Lokali, bit-titlu ***Update Local Council Staff Table Form AccessDataCollection.***

2.9 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for information regarding Council Employees CHANGES.***

2.10 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Programm għal nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014: Memo 16/2014 – *Performance Management and Indicators.***

2.11 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No 564/14 – Creditor's Balances – 30/06/14.***

2.12 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Upgrading* tal-Kompjuters u Makkinarju tal-IT fil-Kunsilli Lokali.**

2.13 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT: Email Migration to Exchange 2010.***

2.14 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Claire Gerada għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tnaqqis mill-allokazzjoni.**

2.15 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 17/2013: Live Streaming.***

2.16 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Alda Vella mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Żjara ta' Kortesija.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ftuħ tal-Uffiċċji nhar is-Sibt.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stqarrija għall-Istampa Nru 1/2014 – Joseph Cordina appuntat bħala membru fl-Assemblea Lokali u Reġjonali Ewro-Mediterranja (ARLEM) f'isem il-Partit tas-Soċjalisti Ewropej.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 45/2014 – It-Tieni Kwestjonarju dwar Enerġija Nadifa.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu ***Course in Time Management by ANSEK.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Abdilla, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tat-Tramuntana, bit-titlu ***ANSEK Summer BBQ.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***New Warden Summer Route.***

2.22.1 Is-Sindku David Schembri qal li jkun ideali jekk jibdew jinżlu l-Gwardjani Lokali f'Wied iż-Żurrieq.

2.22.2 Spjega li dawn il-Gwardjani għandhom jaġixxu b'mod moderat, bħal per eżempju li l-ewwel darba jagħtu twissija mbagħad tingħata ċitazzjoni t-tieni darba.

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Servizz ta' Gwardjani Lokali matul il-Festa tal-Madonna ta' Lourdes.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Nurseries* tal-Isports Irreġistrati.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Laqgħa tal-Valletta V18.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar BBQ.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Meeting* rigward l-iskema tas-CCTV.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Latest Application Form and Guidelines – M413.A7.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***New Publicity Guidelines.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Qrendi LC – M125 roads.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Additional FARMER access roads to resurface.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Latest Application Form and Guidelines – M413.A7***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Request for Sponsorship of benches*** **– San Mattew tal-Maqluba, Il-Qrendi.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christianne Fenech mill-MFSS, bit-titlu ***ESF 3.234 LEAP! Project – Traineeship Beneficiary Scheme.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Xuereb, *Agricultural Officer* fid-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali, bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – January to June 2014.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joslyn Magro Cuschieri, Maniġer fil-*Labour Market Statistics Unit*, bit-titlu ***Job Vacancy Survey 2014 – Quarter 2 – Ref: 56841.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Henry Attard bit-titlu ***QLC Offices.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Mallia, *PR/Communications Office* tal-MEPA, bit-titlu ***List of new applications.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, bit-titlu **Ismijiet ta' Toroq.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, Maniġer tat-Taqsima Programmi tal-RTK, bit-titlu **Attivita' – Dar tal-Providenza.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rosella Nicoletti bit-titlu ***Pilot project for the EU Commission – Study for the development of indicators to measure the implementation of the European Charter for Equality of women and men in local.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Francisco Fontano Patan bit-titlu ***Help wtih book about Malta.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Bernard Cauchi bit-titlu **Ilment – Triq il-Bali Guarena.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Katya Dingli bit-titlu ***Removal of danger at*** **11/12, Sqaq Nru.4, Triq il-Kbira, Il-Qrendi.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit David Sultana bit-titlu ***Re Storm water pipe in Ħaġar Qim road.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Janet Mercieca bit-titlu **Suġġeriment fuq Triq it-Torri.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Renato Sacco bit-titlu **Suġġeriment fuq Triq it-Torri.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Camilleri bit-titlu **Triq iż-Żgħożija.**

## 3. AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦA T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali għandu quddiemu l-aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti **QLC RNU 49/14. Offerti għal tindif ta'**

**toroq mhux urbani.**

3.2 Spjega kif b'kollox intefgħu 4 offerti:

1. Mr Ronald Bezzina - €7,500
2. Waste Collection Ltd. - €7,890
3. Mr Bryden Azzopardi - €4,580
4. Mr Wayne Farrugia - €7,800

3.3 Is-Sindku spjega kif l-offerta tas-Sur Bryden Azzopardi ġiet skwalifikata mhux biss għax kienet offerta baxxa wisq imma mill-informazzjoni li ġabar il-Kunsill Lokali, s-Sur Azzopardi għandu diġa' 3 *default notices* ma' Kunsilli Lokali oħra.

3.4 Żied li kif kien miftiehem fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali saru laqgħat mas-Sur Ronald Bezzina u s-Sur Wayne Farrugia.

3.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-offerta tas-Sur Wayne Farrugia qiegħda fi sħubija mas-Sur Joseph Farrugia li għandu l-kuntratt tal-knis.

3.6 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandu jagħżel l-offerta tas-Sur Wayne Farrugia u dan wara l-esperjenza li għaddejjin minna mas-Sur Joseph Farrugia li bħalissa għandu f'idejh il-kuntratt tal-knis.

3.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar it-triq taċ-ċimiterju tal-Qrendi.

4.1.1 Qal li din it-triq qiegħda fil-konfini taż-Żurrieq u darba fost l-oħrajn is-Sindku taż-Żurrieq fuq programm televiżiv kien qal li din it-triq se tingħata t-tarmak.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.1.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien lest li jekk hemm bżonn l-ispejjeż ta' din it-triq jinqasmu min-nofs bejn il-Kunsilli tal-Qrendi u taż-Żurrieq.

4.1.3 Is-Sindku qal li tlabna kwotazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill kemm tiġi tiswa din it-triq u l-kwotazzjoni telgħet għal €80,757.09.

4.1.4 Qal li hu jħoss li l-Kunsill Lokali m'għandux jidħol għal spiża bħal din minħabba li jekk jinqasmu l-flus min-nofs, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkollu joħroġ aktar minn €40,000.

4.1.5 Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament li għalissa mhuwiex se jidħol għal din l-ispiża minħabba din it-triq.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' *Passa ai Tempi*.

4.2.1 Qal li din l-attivita' kienet proposta li ssir fl-10 t'Ottubru imma mbagħad ittieħdet deċiżjoni li din l-attivita' għandna nippruvaw nagħmluha fis-26 t'Ottubru.

4.2.2 Spjega kif wara li ċċekkjajna mal-Kappillan Dun Mario Mifsud dan infurmana li dakinhar, fis-26 t'Ottubru, se jkun hemm tieġ fil-kappella ta' San Mattew.

4.2.3 Għaldaqstant, is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali jrid isib data oħra għal meta tista' ssir din l-attivita'.

4.2.4 Ippropona li għandna nitkellmu mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex naraw jekk iridux jieħdu sehem f'din l-attivita' u jekk ikunx possibli li nagħmluha s-Sibt 25 t'Ottubru.

4.3 Is-Sindku qal li l-Ħadd li għadda ġiet organizzata *circuit bike race* u l-loġistika ta' din is-*circuit race* kienet tajba ħafna.

4.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien korrett li ma jaċċettax li din is-*ciorcuit bike race* issir dakinhar tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.4 Is-Sindku tkellem dwar id-DVD li l-Kunsill Lokali jrid jipproduċi taħt Miżura 313.

4.4.1 Qal li tkellimna mal-kumpanija Horizons u d-deċiżjoni kienet li jsir DVD ta' madwar 20 minuta bil-lingwa Maltija u Ingliża.

4.4.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fil-lista li ntbagħtet lil Horizons ma ġewx inklużi l-Palazzi u tkun xi ħaġa sabiħa li dawn jiddaħħlu wkoll.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 125 u qal li sar *meeting* bilaterali mal-GAL Xlokk dwar it-toroq taħt din il-Miżura.

4.5.1 Qal li fl-aħħar il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ingħatajna raġun minħabba li m'aċċettajniex li niffirmaw il-kuntratt kif kien u issa se nagħmlu safejn iservuna l-fondi u mhux kif kien imniżżel fl-applikazzjoni oriġinali. Ix-xogħol se jsir bil-konkrit.

4.6 Is-Sindku qal li permezz tar-Reġjun tan-Nofsinhar se nġibu €2,000 għall-installazzjoni ta' kameras tas-sigurta' madwar il-lokalita' tagħna.

4.7 Is-Sindku qal li attenda laqgħa tal-Valletta18 fejn tkellem ħafna dwar l-esperjenza li għadda l-Kunsill Lokali tal-Qrendi fil-belt ta' Leeuwarden fl-Olanda.

4.7.1 Qal li f'din il-laqgħa spjega b'mod estensiv kif il-Kunsill Lokali għen ħafna sabiex Leeuwarden tirbaħ id-dritt li tkun Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018 flimkien mal-Belt Valletta.

4.8 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li din iż-żona ingħatat spinta tajba 'l quddiem permezz ta' għajnuna mogħtija mill-*Cleansing Department* u l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

4.8.1 Qal li sar ftehim mal-*Cleansing Department* sabiex dawn jibdew jieħdu ħsieb it-tindif taż-żona kollha, li tinkludi l-*promenade* ta' Ħaġar Qim u Wied Babu u mhux biss tal-bajja.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li waslet quddiem il-MEPA sabiex isir

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

żvilupp f'Wied iż-Żurrieq.

4.9.1 Dan l-iżvilupp jikkonsisti fi kiosk maġenb l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

4.9.2 Qal li min-naħa tiegħu jippropni li l-Kunsill Lokali għandu joġġezzjona għal dan l-iżvilupp u jidher li se jkollna wkoll appoġġ sħiħ min-naħa tal-awtoritajiet.

4.9.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u għaldaqstant se tkun qiegħda tintbagħat ittra l-MEPA sabiex noġġezzjonaw kontra dan l-iżvilupp.

4.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar problema oħra li għandna fil-preżent f'Wied iż-Żurrieq u dan f'gandott li hemm fi Triq Congreve.

4.10.1 Qal li l-ilma tal-ħasil tal-platti, eċċ... qiegħed jispiċċa fuq il-blat hekk magħruf bħala 'ġebla tiċċaqlaq' u dan l-ilma mhux biss qiegħed ikerraħ l-ambjent imma qiegħed iħammeġ l-akwata kollha.

4.10.2 Spjega kif il-problema l-kbira qiegħda tkun li qiegħed jeħel il-Kunsill Lokali kif ukoll min jieħu ħsieb il-latrina li qegħdin iħammġu din iż-żona meta fl-aħħar mill-aħħar it-tort mhuwa ta' ħadd minnhom.

4.10.3 Is-Sindku spjega kif hemm problemi oħra f'din iż-żona bħalma huma dgħajsa maġenb restorant partikolari kif ukoll l-abbuż bl-imwejjed u s-siġġijiet fil-parkeġġ.

4.10.4 Żied li l-problemi f'Wied iż-Żurrieq huma kbar u elenkahom waħda waħda.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 413.A7 u qal li għandna ċans nieħdu sa €10,000.

4.11.1 Qal li din hija okkażjoni li l-Kunsill Lokali m'għandux jitlef.

4.11.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud se tkun qiegħda tieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.12 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nhar is-Sibt 19 ta' Lulju l-Kunsill Lokali tal-Qrendi mar ġurnata Sqallija bir-residenti u kien hemm 40 ruħ.

4.12.1 Qal li bħalha mawra kienet suċċess mill-bidu sal-aħħar u kien hemm bosta talbiet min-nies sabiex mawriet simili jiġu organizzati fiż-żmien qarib.

4.12.2 Spjega kif l-attivita' li jmiss tkun organizzata mill-Kunsill Lokali se tkun ġurnata Għawdex nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru u l-avviż dwar din il-ħarġa se jinħareġ f'Awwissu.

4.12.3 Qal li se nkunu qegħdin nippruvaw inżuru l-monti tan-Nadur imbagħad jekk ikun fadal ħin immorru sar-Rabat. Wara se nkunu qegħdin inżuru *David's Bakery* u se mmorru x-Xlendi għall-ikel.

4.12.4 Żied li għal din id-darba se nkunu qegħdin nippruvaw nagħmlu din il-ħarġa bl-ikel inkluż u għaldaqstant il-prezzijiet se jkunu kif ġej:

Kbar - €20
Kart'Anzjan - €15
Tfal taħt l-14-il sena - €12
Tfal taħt l-4 snin u bl-ID Card safra - €5

4.13 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa lis-Sur Patrick Bugeja tkellem miegħu kif ukoll mas-Sindku dwar ix-xewqa li jsir bust għall-memorja ta' Dun Santu Agius.

4.13.1 Qal lis-Sur Matthew Magro, li huwa wkoll jiġi minn Dun Santu Agius, lest li jħallas għall-bust.

4.13.2 Spjega kif ix-xewqa tas-Sur Patrick Bugeja hi li l-bust isir fl-iskola primarja tal-Qrendi, minħabba li Dun Santu Agius kien bena l-iskola primarja tal-Qrendi fi Triq iż-Żurrieq.

4.13.3 Għaldaqstant hemm bżonn li nitkellmu mas-Surmast tal-iskola u naraw jekk huwiex possibli li dan isir fis-sala tal-iskola primarja u jinfetaħ f'Jum il-Qrendi 2015.

4.13.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li fl-opinjoni tagħha ikun aħjar li dan

il-bust isir fil-beraħ fir-raħal milli magħluq fl-iskola.

4.14 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar l-iskip fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

4.14.1 Qal li ġie avviċinat minn xi residenti li ma jixtiequx li din tibqa' hemmhekk u li din għandha tiċċaqlaq.

4.14.2 Għaldaqstant se nkunu qegħdin nibagħtu ittra lir-residenti sabiex ninfurmawhom li l-iskart domestiku għandu jitħalla quddiem il-bibien ta' barra tar-residenzi u naraw kif immorru b'dan l-esperiment.

4.15 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-Ġnien tal-Kmand u qal li tkun idea tajba kieku dan il-Ġnien jibda jiftaħ matul il-ġurnata u jkun hemm persuni għassa miegħu.

4.16 Is-Sindku tkellem dwar l-iżvilupp propost mill-Gvern Ċentrali dwar il-*farms* tal-baqar f'San Niklaw, is-Siġġiewi.

4.16.1 Spjega kif dan il-każ ilu għaddej quddiem il-MEPA sa mill-2008 u dan minħabba direttivi tal-Unjoni Ewropea.

4.16.2 Qal li jekk dawn il-*farms* ma jiġux ċentralizzati u jkunu skont l-istandards tal-UE, il-*farms* preżenti se jkollhom jagħlqu u l-ħalib ta' Malta jispiċċa bil-konsegwenza li jibda jkollna ħalib bi prezz għoli ħafna.

4.16.3 Żied li minn dak li jidher, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qatt ma ġie kkonsultat dwar dawn il-*farms* mill-2008 sal-lum.

4.16.4 Is-Sindku spjega li bħala Kunsill Lokali kellna diversi mistoqsijiet fl-aħħar jiem minn kmamar tal-aħbarijiet differenti, imma ma kellniex dettalji dwar dan il-proġett u għaldaqstant ma stajniex inwieġbu.

4.16.5 Spjega kif intalbet laqgħa mas-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Roderick Galdes sabiex inkunu nistgħu niddiskutu din il-materja.

4.16.6 Is-Sindku qal li skont l-Onorevoli Galdes il-Gvern mexa' fuq il-pjanijiet li kien

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

hemm qabel u dak li sar s'issa kien li tressqu l-ħsibijiet quddiem il-MEPA ta' dawn il-*farms* u dak li ġie approvat huwa biss il-qafas.

4.16.7 Skont l-Onorevoli Galdes, ġaladarba jsiru l-pjanti neċċessarji, l-Gvern se jkun qiegħed jikkonsulta mal-Kunsilli Lokali konċernati.

4.16.8 Minn aktar informazzjoni li ġbarna mingħand l-Onorevoli Galdes jidher li n-numru ta' *farms* proposti se jkunu qegħdin jonqsu mill-ammont inizjali u issa jidher li se jkun hemm inqas minn 10 u hemm indikazzjoni li dawn se jkunu 7.

4.16.9 Is-Sindku qal li lilu qiegħda tikkonċernah biss problema waħda, dik tad-*digester* minħabba li jista' jkun hemm xi rwejjaħ.

4.16.10 Spjega kif meta ressaq dan l-ilment mal-Onorevoli Galdes dan qallu li id-*digester* ma jagħmilx rwejjaħ u ppropona li għandha tiġi organizzata mawra ġo *farm* li hija konformi mar-regoli tal-UE sabiex naraw kif dan id-*digester* fil-verita' ma jagħmilx irwejjaħ.

4.16.11 Qal li l-Onorevoli Galdes wera x-xewqa li f'din iż-żona ssir *trail* li tinkludi wkoll l-istabbilment tan-Niġma kif ukoll inkunu mgħejjuna dwar il-prodott tal-patata.

4.16.12 Spjega kif fil-preżent, f'din iż-żona imsemmija, hemm diversi affarijiet li jweġġgħu l-għajn u huma ta' żgombru u fuq dawn ħadd ma jikkummenta inkella jipprotesta.

4.16.13 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu naraw x'deċiżjoni se nieħdu u hawnhekk irridu nifhmu li m'hemmx biss l-interess lokali imma wkoll l-interess nazzjonali.

4.16.14 Spjega kif il-Kunsill Lokali jrid joqgħod attent ħafna fuq id-*digester* minħabba l-irwejjaħ, imma jekk kemm-il darba ma jkunx hemm irwejjaħ il-Kunsill Lokali m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni.

4.16.15 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se jkun qiegħed

jistenna l-proposti min-naħa tal-Gvern u l-konsultazzjoni li mistennija ssir fil-fażi li jmiss ta' din l-applikazzjoni.

4.16.16 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li fil-prinċipju jaqbel ma' dan l-iżvilupp.

6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,857.29c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/14 u €32.43c skont il-*Petty Cash* Ref R/06.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 t'Awwissu 2014 fl-4:30pm.

7.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq il-ħin u d-data ta' din il-laqgħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |